**STQARRIJA GĦALL-*MEDIA*:**

**Il-Programm LEAD: Pass importanti lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politika**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tilqa' l-inizjattivi li qed jittieħdu mill-Partit Laburista biex tiġi indirizzata n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tan-nisa fl-isfera politika u biex jiżdied in-numru ta' nisa kandidati fil-listi elettorali tiegħu. L-NCPE tawgura li l-partiti politiċi kollha f'Malta jaddottaw inizjattivi mmirati biex ikun hawn parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika u lesta li tassisti fl-implimentazzjoni ta' programmi u miżuri oħrajn li jfittxu li jindirizzaw dan id-*deficit* demokratiku.

Il-Programm LEAD li tnieda aktar kmieni għandu l-għan li jassigura li sas-sena 2027 nofs il-kandidati li jikkontestaw f'isem il-Partit Laburista jkunu nisa. Biex tintlaħaq din il-mira dan il-Programm ifittex li jirrekluta u joffri *mentoring* lil nisa li huma interessati fil-parteċipazzjoni politika.

L-NCPE tikkunsidra programmi bħal dawn bħala pass importanti lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi għaliex huma bbażati fuq li jirrikonoxxu li n-nisa jesperjenzaw ostakli storiċi u strutturali biex jiksbu l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali fi sferi differenti, inkluż fil-politika. Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar l-Eliminazzjoni ta' kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tiddefinixxi dan bħala 'żbilanċ storiku ta' poter bejn in-nisa u l-irġiel fis-soċjetà'.

Ta' min jenfasizza li l-impatt aħħari ta' dawn l-ostakli huwa demokrazija difettuża li fiha nofs il-popolazzjoni mhix qed tkun irrappreżentata. Għalhekk, huma meħtieġa miżuri pro-attivi sabiex ikunu indirizzati l-fatturi li għandhom għeruq fil-fond u li jwasslu għal nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi fir-rappreżentanza politika.

Programmi li b'mod attiv ifittxu li jirreklutaw u jħarrġu nisa biex jipparteċipaw fl-isfera politika huma prerekwiżit biex ikun assigurat li ż-żewġ sessi huma rrappreżentati b'mod ugwali fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi fis-soċjetà tagħna.

**Il-Ħamis 3 ta' Awwissu 2017**